**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 157/2018 u 158/2018**

**YT u ST**

**('l-ilmentatur'/'ilmentatrici'/'ilmentaturi')**

**vs**

***Crystal Finance Investments Ltd.* (C26761)**

**('il-provditur tas-servizz'/*'Crystal'*)**

**Seduta tad-9 ta' Settembru 2019**

**L-Arbitru,**

**Preliminari:**

Permezz ta' verbal tal-15 t'Ottubru 2018, il-partijiet qablu li l-Kazi Nri. 157 u 158/2018 huma identici f'kollox u, ghalhekk, kellhom jinstemghu flimkien bhala kaz wiehed u tinghata decizjoni wahda.

Ra l-ilment fejn l-ilmentaturi jghidu li huma garrbu telf mill-investiment fil-***BP 211 EUR High Yield*** – *bond portfolio* mibjugh lilhom fuq zewg kontijiet separati li huma kellhom ma' *Crystal Finance Investments Limited* liema investiment huma ghamlu fuq parir tal-intermedjarji u l-impjegati tal-istess kumpanija.

L-ilmentaturi qalu li fil-bidu ta' Gunju 2016, huma ndunaw li l-investiment li kienu gew investiti flushom fih kien ha daqqa kbira 'l isfel bil-konsegwenza li huma spiccaw tilfu ammont ta' flus mill-kapital investit, liema telf, imbaghad, wara kompla zdied. Huma tennew li sa Gunju 2016, l-investiment taghhom kien ghadu ghaddej relattivament tajjeb u dan skont ma jirrizulta mill-

i*statements* mibghuta lilhom. L-ilmentatur indika li t-telf li hu garrab tela' ghal €5,525.37, filwaqt li l-ilmentatrici, li hija ommu, tilfet is-somma ta' €5,558.50.

L-ilmentaturi jinsistu li l-provditur tas-servizz huwa responsabbli ghal dan it-telf li sar u dan ghaliex l-istess provditur tas-servizz kien pienament konxju li l-investimenti li huma kellhom kienu qeghdin imorru lura izda, minkejja dan, naqas milli jikkomunika maghhom u jinfurmahom b'dan l-andament u, eventwalment, jidderigihom dwar id-decizjonijiet li huma setghu jiehdu sabiex jigi evitat telf, inkluz ukoll li jirtiraw mill-investiment.

L-ilmentaturi sostnew li mhux talli ma kinux gew infurmati bl-andament negattiv tal-investiment taghhom, izda talli kull darba li kienu jiccekkjaw dwar dan l-istess andament, kienu jinghataw assikurazzjoni li l-investimenti kienu sejrin sewwa, u dan meta fil-verità, is-sitwazzjoni kienet kompletament differenti u l-affarijiet kienu sejrin lura. Huma tennew li l-provditur tas-servizz ha azzjoni meta kien tard wisq, u per konsegwenza li l-istess provditur tas-servizz ghazel li jzomm kollox mistur, huma spiccaw tilfu ammont sostanzjali ta' flus mill-kapital investit minnhom.

L-ilmentaturi qed jattribwixxu dan it-telf direttament lill-provditur tas-servizz u, ghalhekk, qed jitolbu li jigu ikkumpensati ghat-telf li huma sofrew, liema telf jammonta ghal €5,525.37 mill-investiment li kellu l-ilmentatur u €5,558.50 mill-investiment tal-ilmentatrici.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, il-partijiet issottomettew ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan *ai termini* tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreement* (anness u mmarkat bhala '***Dok CFI01/CFI02'***) liema artikolu jispecifika bl-aktar mod car illi '*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts*.' Ghaldaqstant l-Arbitru ma ghandux gurisdizzjoni biex jisma' dan il-kaz.

2. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, is-Socjetà Esponenti teccepixxi illi l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni fir-rigward ta' dan il-kaz *ai termini* tal-Artikolu 21(1)(b) u Artikolu 21(2)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu l-Ilment gie mressaq b'mod tardiv u ghaldaqstant preskritt u m'ghandux jigi ikkunsidrat mill-Arbitru.

3. Id-dokumenti li ghandha s-Socjetà Esponenti juru l-istorja ta' tranzazzjonijiet u l-esperjenza fl-istess tip ta' investimenti. Jigifieri investimenti go *bonds* semplici li jhallsu imghax gholi. Dan johrog bic-car fejn fuq medda ta' tranzazzjonijiet, l-Ilmentatur wera preferenza li jinvesti f''*high yield bonds'*. Kif zgur l-Ilmentatur digà mgharraf, hemm element ta' riskju meta wiehed jinvesti f'dan it-tip ta' *bonds*. Qabel ma l-Ilmentatur ta l-kunsens biex jinvesti f'dawn l-investimenti, gie nfurmat bil-karatteristici tal-prodott offrut, minn xiex huwa maghmul, il-kompozizzjoni tieghu u minn xiex jigi effettwat, u l-ispejjez relatati. Gie nfurmat ukoll, b'mod car, rigward ir-riskji tal-prodott. Dan gie kkonfermat u accettat b'firma min-naha tal-istess Ilmentatur u japplika wkoll meta saret tranzazzjoni fil-*BP 211*, il-kawza ta' dan l-ilment.

4. Skont kif irregistrat fl-ilment '*Sal-ewwel (1) ta' Gunju 2016 l-investimenti tieghu kienu ghadhom ghaddejjin relattivament tajjeb u dan skont ma jirrizulta mill-istatements li qeghdin jigu annessi ma' dan id-dokument. Ghall-kjarezza l-esponenti qieghed jinkludi wkoll tabella li taghti indikazzjoni cara tal-valur tal-investiment tieghu u li tikkonferma kif sa Gunju 2016 l-investiment kien ghadu ghaddej tajjeb*.'

   Galadarba l-ilment ghalhekk jirrigwarda dak li gara wara Gunju 2016 tajjeb jinghad li t-telf fuq *BP 211* wara din id-data sar kollu tort tal-klijent ghax ghal diversi drabi l-Ilmentatur inghata l-parir biex johrog minn investiment halli jigi evitat telf previst marbut mal-andament tal-*issuer* tal-*bond*. Dan isir b'responsabbiltà u wara li s-Socjetà Esponenti taghmel ir-ricerki mehtiega fuq mezzi ufficjali. Però, meta inghata l-istess parir fuq dan l-investiment f'Mejju 2016,[1] l-Ilmentatur ma hax il-parir li inghata mis-Socjetà Esponenti u ried jistenna, bir-rizultat li l-investiment

[1] Dok. *CFI 03*

garrab aktar telf, li seta' gie evitat kieku l-parir ittiehed qabel Gunju 2016.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Socjetà Esponenti tirriserva d-dritt li tidhol fil-mertu fil-proceduri filwaqt li tishaq li dejjem wettqet l-obbligu li tibghat rendikont b'valutazzjoni korretta skont il-ligi; u li filwaqt li ma kellha ebda obbligu li zzomm il-klijent infurmat b'kull caqliqa fil-prezz, dan xorta ghamlitu meta f'Mejju 2016 tat parir biex jinbiegh l-investiment u jigi kkristallizzat it-telf, parir li l-klijent b'ghajnejh miftuha ghazel li ma jiehux.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet,**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari**:

***Eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 17 tat-Terms of Business Agreement***

Il-provditur tas-servizz ta eccezzjoni li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex skont it-*Terms of Business Agreement*, Artikolu 17 tal-istess, jipprovdi li kwalunke tilwima trid tigi referuta lill-Qrati Maltin u, ghalhekk, l-Arbitru ma jistax jisma' l-kaz.

L-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni peress li:

i. Meta sar dan il-kuntratt ma kienx ghadu twaqqaf l-Ufficcju tal-Arbitru u, ghalhekk, il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskluduh;

ii. Ghaliex ukoll il-klawsola 17 tat-*Terms of Business Agreement* normalment tintuza f'kuntest internazzjonali fejn trid issir ghazla bejn il-ligijiet diversi li japplikaw ghall-kuntratt u wkoll liema qorti jkollha gurisdizzjoni.

Dan gie kkonfermat u elaborat f'decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, fosthom, f'dik fl-ismijiet ***Theresa Camilleri vs Crystal Finance Investments Ltd*****., deciza fil-5 ta' Novembru 2018,** fejn il-Qorti irriteniet illi:

'*L-Artikolu 21(1)(a) hu ntiz ghall-konsumatur fis-sens li l-ghazla hi tieghu fejn ghandu jfittex ghal rimedju fir-rigward ta' ilment relatat mal-imgiba ta' provditur ta' servizz finanzjarju'.*

Il-Qorti ziedet ukoll:

'*Il-kuntratt li ffirmaw il-partijiet hu tat-tip standard form fejn il-konsumatur ikun f'pozizzjoni ta' take it or leave it ghaliex ma jkollux bargaining power. Ghall-qorti meta fil-11 t'April il-partijiet iffirmaw il-kuntratt, klawsola 17 ma kinetx taghmel sens meta tqis li:*

*i.* *Fil-ftehim li sar ma kienx hemm xi element internazzjonali bejn il-partijiet. Choice of Jurisdiction Clause normalment issir sabiex kwistjoni tinqata' minn qorti ta' pajjiz maghzul u mhux minn qorti f'pajjiz iehor;*

*ii.* *Fi zmien li kien iffirmat il-kuntratt, il-qrati kienu l-uniku post fejn parti setghet tfittex ghal rimedju kontra l-parti l-ohra minghajr htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra. F'dak iz-zmien l-Att dwar L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ma kienx ligi … Ghalhekk zgur li f'dak iz-zmien il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskludu r-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur, galadarba kien rimedju li ma jezistix ...'*

Il-Qorti ikkonkludiet:

'*Il-Qorti hi tal-fehma li hemm cirkostanzi specjali li xorta jwassluha sabiex tiskarta klawsola 17 tal-kuntratt minhabba li m'hemmx dubju li fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt hadd minnhom ma seta' kien qieghed jipprevedi l-introduzzjoni tal-Kap. 555. Ir-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur huwa wiehed ad hoc bil-ghan li jissimplifika l-access tal-konsumatur tas-servizzi finanzjarji ghal rimedju kontra l-provditur tas-servizz. Rimedju li ma kienx jezisti fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt u li ghalhekk l-appellata qatt ma setghet irrinunzjat ghalih'.*

Dan kollu gie kkonfermat f'decizjonijiet ohra tal-Qorti tal-Appell kontra l-istess provditur tas-servizz fuq eccezzjoni identika fosthom dik ricenti fl-ismijiet: ***Mary Anne Vella vs Crystal Finance Investments Ltd*. tal-11 ta' Frar 2019.**

L-Arbitru jaghmel tieghu il-motivi espressi mill-Qorti tal-Appell 'il fuq imsemmija u ghar-ragunijiet moghtija qed jichad din l-eccezzjoni.

It-tieni eccezzjoni hija ezawrita permezz ta' decizjoni preliminari li ta l-Arbitru tal-21 ta' Jannar 2019.[2]

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[3]**

L-ilmentaturi sahqu li wara li huma kienu rcevew xi reklam tal-provditur tas-servizz id-dar, huma marru fl-ufficcju tal-istess provditur tas-servizz sabiex jaraw x'investimenti kellhom li setghu jghoddu ghalihom. Wara li gie spjegat lilhom il-*bond portfolio BP 211*, fosthom, li kien investiment f'erba' kumpaniji separati u li kien tajjeb u popolari hafna, huma ddecidew li jinvestu s-somma ta' ghaxart elef kull wiehed. Il-*BP 211* gie mibjugh lill-ilmentaturi f'Gunju 2014.

Huma tennew li ghall-ewwel ftit gimghat, l-andament tal-investiment taghhom kien wiehed tajjeb. L-ilmentatrici kienet ta' sikwit tmur l-ufficcju tal-provditur tas-servizz sabiex ticcekkja dwar dan l-investiment, fejn l-impjegati tal-provditur tas-servizz dejjem assikurawha li l-investiment kien sejjer tajjeb, filwaqt li serrhulha rasha li fl-eventwalità li investiment wiehed minn erbgha jmur hazin, it-tlieta l-ohra jkunu jistghu ipattu ghal dan.

F'Jannar 2015, meta huma rcevew l-i*statement* mibghut lilhom mill-provditur tas-servizz, irrizulta li l-valur tal-investiment taghhom kien nizel b'madwar €1,800.  L-ilmentatrici sahqet li hi, flimkien ma' zewgha, regghu marru l-ufficcju

[2] *A fol*. 82 (Kaz 157/2018)
[3] Kap. 555, Art. 19 (3)(b)

tal-provditur tas-servizz sabiex jiccekkjaw dwar l-investiment li hi u binha kellhom, izda dak iz-zmien kien intqal lilhom li ma kellhomx ghalfejn jinkwetaw ghaliex it-tnaqqis kien wiehed zghir u kellu x'jaqsam ma' kumpanija wahda. A bazi ta' din l-assikurazzjoni li nghatat lilhom, l-ilmentaturi qaghdu fuq il-pariri li gew moghtija lilhom.

Izda, minkejja dan, l-ilmentatrici sostniet li fix-xhur ta' wara, kemm hi kif ukoll zewgha, marru diversi drabi l-ufficcju tal-provditur tas-servizz sabiex jiccekkjaw dwar dan l-istess investiment, izda kienu dejjem jigu assikurati li m'ghandhomx ghalfejn jinkwetaw u li l-investiment taghhom kien sejjer tajjeb.

Minkejja li minn *statement* tal-1 ta' Jannar 2016 li huma rcevew, irrizulta li l-valur tal-investiment baqa' bejn wiehed u iehor l-istess, kien meta rcevew l-i*statement* ta' Gunju 2016 li huma ndunaw li l-investiment taghhom kien ha daqqa 'l isfel u kienu tilfu kwazi nofs il-flus li huma kienu investew originarjament.

L-ilmentatur stqarr li hu, flimkien mal-genituri tieghu, kienu regghu zaru l-ufficcju tal-provditur tas-servizz u argumentaw mar-rapprezentant tal-istess provditur dwar dan. L-ilmentatrici indikat bic-car li meta huma ltaqghu mar-rapprezentant, hu infurmahom li kien ser icemplilhom sabiex jigbru flushom lura izda meta huma insistew mieghu dwar ir-raguni ghalfejn ma gewx avzati sabiex jigbru flushom qabel, intqal lilhom li:

'*Hu kien qalli li l-investimenti kienu bdew nezlin qabel Gunju 2016. Id-diretturi tal-kumpanija Crystal kienu iltqaghu fuq din il-kwistjoni u ddecidew biex ma javzawx lill-klijenti. Hu kien qalilna li l-kumpanija ma hallithomx javzaw lill-klijenti u ghalhekk hu ma setax jghaddilna l-informazzjoni dwar l-andament tal-investiment taghna.'*[4]

Dan gie anke ikkonfermat mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz innifsu fl-*affidavit* tieghu.[5]

L-istess rapprezentant tenna li kien ghall-ahhar tas-sena 2015 li l-prezz tal-*bond Edcon*, *bond* sottostanti li tifforma parti mill-*BP 211*, beda juri xi sinjali ta' *distress* u meta l-provditur tas-servizz indaga fuq dan, kellu informazzjoni minn

[4] *A fol.* 90
[5] *A fol.* 103

sorsi ta' min jorbot fuqhom li l-kumpanija *Edcon* kellha fondi bizzejjed sabiex tkompli tiffinanzja ruhha sas-sena 2018 u, minhabba f'hekk, ghalkemm il-prezz tal-*bond* nizel li, hekk kif rifless fl-i*statements* tal-ahhar tas-sena 2015 li l-ilmentaturi rcevew, kien juri li hu baxx peress li kien madwar 60%, il-kumpanija deherilha li ma kienx hemm ghalfejn wiehed jaqa' f'paniku u jigbdu l-attenzjoni tal-klijenti involuti f'dan il-*bond*.

**Il-punt krucjali mressaq mill-ilmentaturi f'dan l-ilment huwa d-dewmien min-naha tal-provditur tas-servizz sabiex jiehu azzjoni u jinfurmahom bl-andament negattiv tal-investiment taghhom**, sabiex ikunu jistghu jiehdu l-azzjonijiet necessarji sabiex inaqqsu t-telf li huma sostnew.

Izda, minkejja li l-ilmentaturi sahqu li huma saru jafu bl-andament negattiv tal-investiment taghhom meta rcevew l-i*statement* ta' Gunju 2016, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz sahaq li kien f'Mejju tas-sena 2016 li l-ilmentaturi gew infurmati bit-telf li huma sostnew. Dan gie ssostanzjat minn *Client Review Form* flimkien ma' nota ohra, kemm fil-kaz tal-ilmentatur u anke fil-kaz tal-ilmentatrici.

Kemm il-*Client Review Form,*[6] kif ukoll in-nota li takkumpanjaha li, bejn wiehed u iehor, hi identika fil-kontenut ghaz-zewg kazijiet tindika li nhar id-9 ta' Mejju 2016, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz:

*'… called client to discuss reinvestment or otherwise of BP 211.'*

Dan id-dokument juri bic-car li, minkjja li gew diskussi l-possibilitajiet u l-ghazliet kollha, jigifieri, jekk il-*BP 211* kellux jinbiegh jew le, l-ilmentatur iddecieda li ma jbieghx dan l-investiment, bir-raguni tkun li:

*'… it will not make much difference if he sells and get euro 6000 from euro 10000. If he stays invested, since there seems to be no problems on euro 5000, the worst scenario is to lose the other euro 1000.'* [7]

Fuq l-istess binarju, l-ilmentatrici irragunat b'tali mod li jekk hi tiddeciedi li ma tbieghx l-investiment taghha, hemm ic-cans li meta dan jimmatura hi tiehu lura aktar minn €6,000:

---

[6] *A fol.* 152 u *a fol*. 156
[7] *A fol.* 152

'*She reasoned it out that staying invested, there is a chance that upon maturity she will get more than 6000.*'[8]

**Rizultat ta' din id-diskussjoni, gie deciz mill-ilmentaturi li l-*BP 211* ma jinbieghx. Fl-istess laqgha, gie ukoll diskuss investiment iehor li l-ilmentaturi kellhom, fejn jidher li l-ilmentaturi hadu l-parir tal-provditur tas-servizz u bieghu dan l-investiment l-iehor li huma kellhom u nvestew ir-rikavat f'xi haga ohra.**

Fl-ebda hin, l-ilmentaturi m'ghamlu referenza ghall-fatt li, f'xi zmien jew iehor, huma kienu gew infurmati bl-ghazliet li huma kellhom bil-*BP 211*, izda **kienu huma li ddecidew li ma jbieghux dan l-investiment.**

Kif digà ntqal, dokument iehor li gie pprezentat mill-provditur tas-servizz kien nota li takkumpanja l-*Client Review Form* – nota li hi identika kemm ghall-kaz tal-ilmentatur u anke ghall-kaz tal-ilmentatrici. Kuntrarjament ghall-*Client Review Form*, din in-nota ma tindikax specifikament il-gurnata ta' meta din giet irrekordjata, izda tinkludi biss '*May 2016*', filwaqt li kuntrarjament ukoll ghall-*Client Review Form*, din ma tinkludix referenza ghal min kien ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz li ghamilha u lanqas hi iffirmata mill-ilmentaturi.

Xi ftit jew wisq, din in-nota tinkludi xi dettalji li hemm fil-*Client Review Form*:

'*I invited client to come to office so as to have a discussion about BP 211. I passed to client all relevant information with regards to the situation of the 4 bonds in this particular portfolio, in particular, the defaulting stance of Edcon and the position of the high debt of Rickmers thus causing the price of the particular bond to be so low.*

*I gave indications of what value they may get should they opt to sell. I also informed client that the advice of the company is to sell and take the losses now as the situation may get even worse.*

*Client considered the above, but still decided to remain as is.*

*I invited client to come from time to time to check upon the situation.*'[9]

[8] *A fol.* 156

[9] *A fol.* 153 u *a fol.* 157

Izda l-*Client Review Form* giet iffirmata kemm mill-ilmentatur kif ukoll mill-ilmentatrici fil-kaz taghha u l-Arbitru ser joqghod fuqha.

Minkejja li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mill-ilmentaturi gie argumentat li *'… m'hemm xejn x'jindika bil-preciz li l-esponenti kien inghata struzzjonijiet cari u precizi biex johrog mill-investiment BP 211',*[10] il-*Client Review Form,* li ma giet fl-ebda hin ikkontestata mill-ilmentaturi, tinkludi car u tond id-decizjoni li hadu l-ilmentaturi li jibqghu investiti fil-*BP 211.*

Barra minn hekk, minkejja li l-ilmentaturi jsostnu diversi drabi li kien wara li huma rcevew l-i*statement* tal-1 ta' Gunju 2016 li ndunaw li l-investiment taghhom kien ha daqqa lura, kemm mill-*Gain/Loss Analysis*[11] ipprezentata kif ukoll minn *statement*[12] tal-1 ta' Jannar 2016, jirrizulta li l-*bond Edcon* kienet digà giet mahruga f'pozizzjoni izolata fuq il-kont tal-ilmentaturi u gie, eventwalment, ikkreat *bond portfolio BP 211.1* li kien jinkorpora fih il-kumplament tat-tliet *bonds* sottostanti l-ohra. Izda fl-ebda hin, la l-ilmentaturi u lanqas il-provditur tas-servizz, m'ghamlu referenza ghal dan.

**Konkluzjoni**

Minkejja li l-ilmentaturi ilmentaw li huma gew avzati tard, meta gew infurmati huma ddecidew li jiehdu r-riskju u ma jbieghux. A bazi tad-dokument sottomess mill-provditur tas-servizz 'il fuq imsemmi, li fl-ebda hin ma gie ikkontestat mill-ilmentaturi, huma urew lill-provditur tas-servizz li ma kinitx ser taghmlilhom differenza kbira jekk ibieghu l-investiment u jiehdu €6,000 mill-€10,000 investiti.

L-ilmentatrici irragunat li jekk tibqa' investita f'dan il-fond, kien hemm ic-cans li meta dan jimmatura, hi tircievi iktar minn €6,000, filwaqt li l-ilmentatur argumenta li jekk hu jibqa' investit f'dan l-istess fond, dment li ma kienx hemm problemi fuq il-€5,000 l-ohra, jigifieri l-ammont investit fil-*bonds* sottostanti l-ohra li kienu jiffurmaw parti mill-*BP 211,* l-aghar haga li setghet tigri kien li jitlef €1,000 ohra.

---

[10] *A fol.* 74
[11] A fol. *199* u *a fol.* 200
[12] *A fol.* 25 u *a fol.* 24 (Kaz. 158/2018)

Ghalhekk, jekk meta gew infurmati bl-andament negattiv tal-*bond* kienu huma li riedu li jissugraw billi jibqghu investiti fih, wara ma jistghux jghidu li gew avzati tard meta anke meta gew avzati ma riedu jiehdu l-ebda azzjoni hlief li jibqghu investiti fih. Hija kontradizzjoni li xi hadd jghid li gie infurmat tard u meta gie infurmat, ried jibqa' jissogra.

Jekk jinghata l-beneficcju tad-dubju lill-ilmentaturi dwar il-validità *o meno* tan-nota li takkumpanja l-*Client Review Form,* minhabba li gie argumentat li din ma tinkludix id-data tad-9 ta' Mejju 2016, bhalma tinkludi din l-istess data l-*Client Review Form*, u anke minhabba l-fatt li huma sahqu li skont dik in-nota ma jirrizultax li huma nghataw parir dirett sabiex ibieghu, il-*Client Review Form*, dokument iffirmat mill-ilmentaturi infushom, hu xorta wahda prova bizzejjed li jindika li saru d-diskussjonijiet necessarji f'dan ir-rigward, anke qabel id-data indikata mill-ilmentaturi.

Il-punt krucjali kif digà msemmi f'din id-decizjoni huwa illi anke meta gew infurmati, l-ilmentaturi xorta wahda riedu jibqghu investiti fl-investiment ilmentat u jissugraw. Dwar l-investiment l-iehor, mhux mertu tal-ilment, huma hadu l-parir tal-provditur tas-servizz; imma, f'dan il-kaz, riedu jkomplu jiehdu s-sogru u, ghalhekk, ma jistghux issa jilmentaw fuq dewmien.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru qed jichad l-ilment.**

**Peress li l-Arbitru cahad l-eccezzjonijiet preliminari, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**